MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru 958/2003

**Il-Pulizija
(Spettur Paul Vassallo)**

**vs**

**Philip Micallef.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Philip Micallef 58 sena iben Joseph u Joan imwielda Cilia imwieled Zebbuġ nhar il-25 ta’ Novembru 1944 u joqgħod Casa Graziosa, Triq il-Mitħna Żebbuġ Numru tal-karta tal-identita’ 1020644 (M)

Akkużat talli:

F’dawn il-Gżejjer, f’dawn l-aħħar ħames snin, b’diversi atti ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li jkunu ġew magħmula

b'riżoluzzjoni waħda wettaq kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew barra minn Malta u dan mingħajr liċnezja mogħtija taħt l-Att dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji, u dan ai termini tal-artikolu 3 tal-Kap 376 dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji billi għamel self ta' flus lil Kevin Zammit minn Ħaż-Żebbuġ.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat (10206 tas-sena 1944), il-fedina penali tal-imputat, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali (fol 4), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 14) u 16, il-Memorandum ta' PMK Limited (fol 39) fejn jidher li d-direttur tal-kumpanija kien Industrial Abrasive Supplies Limited u l-imputat jidher bħala segretarju,

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Li l-Prosekuzzjoni skopriet li versati fil-kont ta' Kevin Zammit Lm21,500 minn għand l-imputat. L-imputat kien stqarr li kien daħal fin-negozju ma' Kevin Zammit u xtraw fabbrika bejniethom. L-imputat kien ivesta jew aħjar daħal fi sħab ma' Kevin Zammit fil-kumpanija P & K Limited u spiċċa biex l-imputat xtara l-kumpanija għas-somma ta' Lm15,000. L-imputat kien sellef lil Kevin Zammit is-somma ta' Lm40,000 f'diversi somom żgħar fuq medda ta' 5 snin bit-8% . Filfatt ma kien għadu ġabar xejn bħala interessi. L-iskop kien li flimkien nibdew ninnegozjaw xi ħaġa fil-bini għax l-imputat kellu esperjenza f'dal-qasam. Kevin Zammit kien jitlob lill-imputat jagħtih ċekk ta' somma sostanzjali u imbagħad kien jgħid lill-imputat li ser jgħaddi s-somma relattiva ma' dak iċ-ċekk fil-kont tal-imputat. Ġieli ma kienx jiddepożita s-somma fl-intier tagħha u l-imputat kien jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet ta' dan Kevin Zammit. Ta' dan l-imputat ma kien jieħu xejn.

Kien sar konvenju fejn l-imputat kellu jieħu flat furnished għall-ammont ta’ Lm38,000 u l-flus li kien sellef lil Kevin Zammit kellhom jagħmlu tajjeb dwar dan. L-ammonti li l-imputat kien joħroġ kien jintraddu lura.

Mix-xhieda ta’ Kevin Zammit (li ngħatat fl-24 ta’ Jananr 2007) jirriżulta li l-imputat kien ikollu negozju miegħu. Kien ingħatalu l-ammont ta’ Lm40,000 (mhux f’salt) bħala self mill-imputat. Qatt ma kien hemm terminu stipulat iżda l-imputat kien qallu li jekk l-imputat jiġi bżonn il-flus javżah. Meta x-xhud ma kienx iwassal kien iġedded is-self.

Ix-xhud qal li ma kienx jiftakar meta għaddew id-diversi ammonti f’self . Ix-xhud qal li kien għadda ż-żmien. (fol 26). Mill-ewwel darba kien gaħddew xi ħmistax-il sena u mal-imputat għandu relazzjoni ta’ xogħol. Is-somma forsi dam biex għaddieha lill-imputat f’sentejn jew tlieta.( Il-Qorti rrimarkat li dan kien imur lura għall-1992). L-aħħar pagament kien xi għaxar snin ilu (1997).

Lill-imputat kien begħlu makkinarju tal-produzzjoni.

Xehdet Susan Deguara, in rappreżentanza tal-MFSA, u ppreżentat il-Memorandum tal-Kumpanija PMK Limited li kienet struck off the list fl-4 ta’ Ġunju 2003.

Skont Dr Robert Calleja, li xehed in rappreżentanza tal-Banking Unit, l-imputat m’għandux liċenzja ta’ bankier.

L-Ispettur Vassal ippreżenta Ledger li fost l-affarijiet l-oħra kienu juru l-movimenti ta’ flus. Fil-ledger kien hemm in-notamenti ta’ fejn ħareġ u daħħl il-flus u fosthom hemm ukoll l-ammont imsemmi Kevin Zammit li l-Prosekuzzjoni qed tgħid li kienet il-persuna li kienet tissellef il-flus minn għand l-imputat. Il-Prosekuzzjoni rreferiet għan-noti tal-Journal.

**Id-Difiża**

Id-difiża ppreżentat tliet sentenzi fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Emmanuel Ellul’, ‘Il-Pulizija versus Raymond Bajada’ u ‘Il-Pulizija versus Manueli Catania’ (Dok PM 2).

Element komuni ta’ dawn it-tliet sentenzi huwa jekk min sellef (u ma keinx Istituzzjoni Bankarja) kienx jagħmel hekk regolarment.

Għas-skans ta’ ripetizzjoni żejda l-Qorti qed tirreferi għall-bran li idher a fol 58 u 59 ta’ dan il-proċess fejn hemm id-deċiżjoni (a fol 55) tal-Qorti tal-Appelli Kriminali ( 5 ta’ Novembru 2004) fejn il-Qorti qalet :

‘Il-Leġislatur ma riedx jolqot lil min jislef lil ħaddieħor għax darba kultant tiġih l-okkażjoni li jagħmel hekk.’

Il-Qorti qed tillibera lill-imputat minħabba s-segwenti raġunijiet:

(a) Fil-każ in eżami l-Prosekuzzjoni ġabet provi li l-imputat kien silef xi flus fuq medda ta’ żmien lil persuna **waħda** li magħha kellu rabtiet ta’ kummerċ sostanzjali. Għalhekk l-imputat ma jsitax jitqies li kien qed jagħmel xi self regolari u konsegwentement ma jaqax fid-definizzjoni mogħtija mil-Leġislatur.

(b) Mix-xhieda li ngħatat jidher li dan is-self sar fis-sena 1992, jiġifieri sentejn qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XXII tal-1994 dwar l-Istituzzjonijiet Bankarji.

Tassew li l-pagamenti baqgħu sejrin sas-sena 1997 (dejjem bejn wieħed u ieħor). Iżda l-ftehim kien sar **qabel** ma daħal fis-seħħ l-Att. Il-Liġi Kriminali qatt ma tista’ tkun retrospettiva.

(ċ) Jekk is-self sar fl-1992, b’massimu ta’ piena ta’ 4 snin (li dak iż-żmien ma kenitx teżisti) kienu għaddew 10 snin u għalhekk l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 688(ċ) tal-Kap 9. Is-self (meta jkun reat) huwa reat instantanju.

(d) Finalment, fiċ-ċitazzjoni t-time reference hija ‘f’dawn l-aħħar ħames snin’ iżda m’hemm ebda indikazzjoni minn meta jibdew jimxu lura dawn il-ħames snin. Il-

Prosekuzzjoni argumentat li d-data ta' meta ġiet irreġistrata l-kumpilazzjoni għandha titqies bħala d-data definittiva. Bir-rispett kollu, il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Id-data għandha tidher fiċ-ċitazzjoni biex iċ-ċittadin ikun jaf għal meta qed tirreferi ċ-ċitazzjoni biex teżamina r-reat li jkun dedotta kontra tagħha kif jixraq.

**Konklużjoni.**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 3 tal-Kap 376 qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni dedotta kontrih.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------